**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 458/97

John Borg

vs

Chairman Telemalta Corporation u b' digriet tal-11 ta' Mejju, 1999 Maltacom plc

Illum 10 ta' Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Mejju 1990 huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit minghajr raguni valida.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa kien dahal jahdem mat-Telemalta Corporation f'Settembru tal-1978 bhala skilled labourer, fejn huwa baqa javvanza fil-grad tieghu sa ma lahaq il-grad ta' T.O. 1 fl-1990.

F'April tal-1990 meta huwa kien stazzjonat l-istazzjoni Marittimu ta' Wied Rini, ircieva telefonata mill-Personnel Section biex huwa jirrapporta ghax-xoghol il-Cable Section ta' Birkirkara.

Billi hemm ma kienx hemm xoghol kompatibbli mal-grad tieghu ghalih huwa kien mar ikellem lic-Chairman is-Sur J. Scicluna u gie riferut ghand is-Sur Vincent Arrigo. Lil dan spjegalu li x-xoghol offrut lilu ma kienx kompatibbli mal-grad tieghu u dan bghatu d-dar u qallu li ghandu jcempillu aktar tard. Fil-fatt dan cempillu fejn qallu li qieghed jaghmel minn kollox sabiex isiblu xoghol addattat. Dan bghatu f'diversi sezzjonijiet u kull darba jghidulu li ma kellhomx xoghol ghalih. Dam sejjer hekk ghal xi gimghatejn shah.

Wara dan il-giri instablu xoghol kompattibbli l-Exchange taz-Zejtun.

Ta' min isemmi li minhabba dan it-trasfriment huwa gie mtellef ix-shift allowance li kien jiehu, barra minhekk dan l-agir wasslu biex jaqa f'depression tant li kellu jirrikorri ghall-ghajnuna u trattament Psikjatriku.

Huwa jhoss li gie trattat b'din il-manjera minhabba t-twemmin politiku tieghu u li minhabba f'hekk bata danni fizici u finanzjarji fejn gie mtellef il-beneficcji kollha li kellhom x'jaqsmu max-Shift.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata kumpens ghall dak kollu li huwa gie mtellef ingustament jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni intimata, li eccepiet:

1. Illi l-Korporazzjoni tichad li ghamlet xi ingustizzja mar-rikorrent b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita.

2. Illi t-trasferimenti fil-korporazzjoni jsiru regolarment ghal ragunijiet ta' xoghol. Fit-transfer li sar fl-1990 ma saret ebda distinzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent li tikkwalifika

bhala ingustizzja fit-termini tal-ligi. Ir-rikorrent ghandu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu u l-korporazzjoni tirrizerva li tressaq spjegazzjonijiet ulterjuri meta r-rikorrent jispecifika ahjar dawn l-allegazzjonijiet.

3. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit. Hawn dahal f'hafna u hafna dettalji inutili. Ikkonferma l-fatti msemmija. Kien infurmat bit-transfer fit-12 t'April 1990. Sostna li ghall-ewwel it-transfer ma kienx ufficjali. Kellu struzzjonijiet mill-GWU biex jibqa' it-TWR Stazzjon Marittimu. Gie trasferit Blake minfloku ghalkemm dan kien tliet skali anwas minnu. Fl-24 ta' April, 1990 it-transfer sar ufficjali. Sostna li t-tip ta' xoghol li intbaghat jaghmel kien inkompatibbli mall-grad tieghu. Sostna li mhux veru li kien "Junior" imma "Senior" b'9 snin esperjenza

f'TWR (1981-1990). It-trasferiment sar bix Christopher Blake jidhol minfloku u b'hekk seta jibda bix-shift u jiehu l-beneficcji li jgib mieghu. Zied li baghta minn xokk psikologiku. Sostna li t-trasferiment sar minhabba t-twemmin politiku tieghu.

In kontro-ezami r-rikorrent sostna li Blake kien zewg gradi anqas minnu, u mhux suppost dahal fix-shift. Cahad li kien wiehed mill-juniors minn dawk li kienu jaghmlu x-shift.

Joseph Attard li ghandu l-kariga ta` TT2 semma li r-rikorrent huwa senior technical officer u cioe` grad aktar `il fuq minnu. Xehed li r-rikorrent kien jiehu hsieb il-maintenance u kienu stazzjonati Wied Rini pero` fl-1990 kellhom transfer biex imorru tas-Sliema. Ghalhekk marru jkellmu lill-inginier Balzan li dan kien qalilhom li ma kellux xoghol specifiku x` jaghtihom ghax xoghol ftit kellu u kellu xi ftit overtime. F' Wied Rini kellhom l-paga naturalment, shift allowance kif ukoll ftit overtime. Ir-rikorrent kien spicca San Gorg jahdem bil-gurnata u ghalhekk tilef ix-shift allowance kif ukoll l-overtime.

Joseph Briffa li jahdem mal-Maltacom bhala senior technical executive xehed li lir-rikrorent jafu jahdem Wied Rini l-Bahrija. Kien jahdem bix-shift u ghamel zmien twil jahdem hemmhekk. Hu kellu grad aktar gholi minn tar-rikorrent. Semma li meta kien jahdem mieghu r-rikorrent kien tal-affari tieghu u qatt ma kellu problemi mieghu. Wied Rini n-nies kienu jahdmu bix-shift. Hu kien technical officer 1.

Joseph Mallia xehed li ghamel verifiki mill-files dwar transfers li allegatament sofra r-rikorrent. Semma li kull meta l-Maltacom taghti xi promozzjoni, u fl-ittra li taghti, il-Maltacom fl-ahhar tal-ittra tikteb hekk: "Inti tista` tigi trasferit minn post ghall-iehor skond il-htigijiet tax-xoghol. Kull trasferiment ta` din ix-xorta ma jaghtikx dritt ghal ebda hlas iehor." Din hija parti mill-kundizzjoni tal-impjieg. Mir-records jirrizulta li r-rikorrent qala transfer wiehed, nehhewh mis-section tal-Maghtab u tefghuh go sezzjoni ohra tal-cables, fl-1989, 1990. Huwa kien jahdem bix-shift u ma baqax bix-shift, tilef ix-shift allowance, ghax il-post ma kienux jahdmu bix-shift u ghalhekk tilef ix-shift allowance. Ma kienx jaf kemm tilef shift allowance.

David Buttigieg - Executive Principal mal-Maltacom xehed dwar l-ammont li tilef ir-rikrorent bhala finanzi b` konsegwenza tat-transfer li garrab fl-1990. Ghamel paragun ma` bniedem li dak iz-zmien kien jahdem mar-rikorrent u ghadu sal-lum hemmhekk jahdem bix-shift, certu Martin Drago. Hareg kemm qala` Martin Drago mill-1990 sa Lulju 1997 f`shift allowance, overtime u Hdud u fil-fatt stabbilixxa li dan Martin Drago qala` average ta` Lm800 f` sena allowances jigifieri f` dawn it-tmien snin bejn l-1990 u l-1997 jigi qisu qala average ta` Lm6400 f` allowances li dawn naturalment ir-rikrorent tilifhom peress li ma baqax bix-shift. Biss stabbilixxa ukoll li l-post fejn gie trasferit ir-rikorrent kien jiehu jew overtime u sab li f` dawk it-tmien snin huwa qala mad-Lm900 - r-rikrorent tilef madwar il-Lm5500 f` allowances f` dan il-perjodu.

Ikkunsidra

Illi rrizulta li r-rikorrent gie trasferit u kawza ta' hekk tilef allowances li jidher li affetwah fl-ammont ta' LM5500. L-intimat isostni li hemm id-dritt li haddiem ikun trasferit skond l-esigenzi tas-servizz. Fil-fehma tat-Tribunal dan id-dritt ma hemmx diskussjoni fuqu.

Fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal:

"L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98]

Mela hu dritt ta' min jimpjega li jittrasferixxi lil haddiema kif u meta jkun hemm bzonn. Izda dan id-dritt mhux qieghed biex jigi uzat kapriccozament, jew biex taqdi wiehed kontra l-interessi ta' l-iehor, jew ghar-ragunijiet politici, jew taghtih hafna transfers, jew ghal xi raguni frivola. Issa veru li fil-kaz in ezami r-rikorrent gie moghti transfer wiehed izda fix kienu jikkonsistu l-esigenzi ma giex spjegat lit-Tribunal u ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux raguni valida quddiemu. Ikollu jasal li fil-konfront tar-rikorrent saret ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni,

eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Dwar it-talba tar-rikorrent din tirrizulta gustifikata. Dwar l-ammont naturalment ir-rikorrent ma kellux t-tbatija tax-xift li tilef u ghalhekk dan irid jitqies.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-intimat.